MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Avviz Numru. 17/2002

Citadel Insurance plc kif surrogat fid-drittijiet tal-assikurata taghha Altour Limited sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Altour Limited

vs

George Vella u b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2004 Kai Jochimsen bhala mandatarju specjali tas-socjeta' assikuratrici medika estera Barmer Ersatzkasse Haputverwaltung II ta' Lichtschneider Strasse 89-95, 42285, Wuppertal, Germanja, kif surrogate fid-drittijiet tal-assikurati taghha Christel Piller, Dietmar Piller, Lutz Piller u Thomas Piller; kif ukoll bhala mandatarju specjali tal-istess Christel Piller, Dietmar Piller, Lutz Piller u Thomas Piller (2/183, Triq Rodolfu, Sliema SLM06) kif debitament awtorizzat bis-sahha tal-prokura hawn annessa u markata dokument KJI li gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza in statu et terminis

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici li fih talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf disa' mija sebgha u disghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1997.35) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn din il-Qorti, jekk hemm bzonn anki permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti Lm1947.35 danni li sofriet is-socjeta' attrici bhala socjeta' assikuratrici u r-rimanenti Lm50 excess li l-attrici Altour Limited hallset fuq il-polza u dan wara l-incident awtomobilistiku ta' l-4 ta' Mejju 2000 fi Triq ix-Xhajma, Nadur, Ghawdex, bejn il-vettura numru LAK 261 misjuqa minn Dietman Harry Piller u proprjeta' ta' Altour Limited u l-vettura numru SAJ 003 misjuqa mill-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Mejju 2002 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Vella li eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi huwa m'huwiex responsabbli ghall-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt

Rat folio 18 r-rikors ta' Kai Jochimsen nomine biex jintervjeni in statu et terminis milqugh minn dina l-Qorti b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2004;

Rat il-verbal tat-18 ta’ Jannar 2007 minn fejn jirrizulta li l-konvenut iddikjara li m’ghandux provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Din hija kawza li fiha l-kontendenti qeghdin jikkontestaw r-responsabbilita’ ta’ incident awtomobilistiku li gara fl-4 ta’ Mejju 2000 f’Triq ix-Xhajma, Nadur, Ghawdex involuti l-vetturi LAK 261 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta’ attrici u SAJ 003 misjuqa mill-konvenut George Vella.

Illi mill-ftit xhieda u d-dokumenti li tpoggew a disposizzjoni tal-Qorti u minghajr mal-Qorti hi tal-fehma li ghandha tiddilunga zzejjed fuq il-kwistjoni tar-responsabzilita’ hija l-fehma taghha li ghall-incident ghandu jahti nterament il-konvenut. Jinghad f’dan ir-rigward li l-vetturi in kwistjoni kienu qeghdin jinstaqu fid-direzzjoni tan-Nadur bil-vettura tal-assikurat tal-attur tinstaq fuq quddiem. Il-habta saret meta dan l-ahhar sewwieq waqaf biex jidhol f’triq laterali fuq il-lemin tieghu. Hu kellhu ghalhekk jaqsam il-karreggjata opposta u sewwa ghamel li waqt li xeghel l-indicator waqaf biex jaccerta ruhu li ma kienux gejjin vetturi mil-lat oppost. Il-konvenut li jirrizulta kien ghaddej b’velocita sostanzjali laqtu fuq wara xi centimetri ‘il boghod mil-linja medjana fuq il-karreggjata opposta. Din il-Qorti ghalhekk m’ghandhiex lanqas l-icken dubbju li l-kawza mmedjata u prossima tal-incident hi unikament attribbwibbli ghall-velocita’ tal-konvenut u n-nuqqas ta’ attenzjoni da parti tieghu. Tabilhaqq kif xehed is-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz u sostanzjat mill-‘spot of impact’ il-konvenut kellhu spazju oltre milli sufficjenti biex jibqa’ ghaddej fit-triqtu lejn in-Nadur. Minhabba s-sewqan u n-nuqqas ta’ attenzjoni tieghu hu kkreja inkapacita’ fuqu nnifsu li ma ppermettilux jevita l-kollizjoni – altru li gie ffaccjat b’emergenza subitanja!!.

Illi l-ammont ta’ danni jirrizultaw fis-somma ndikata fl-avviz.

Illi ghal dak li jirrigwarda  l-intervenut in statu et terminis jirrizulta li huma ntervenew fl-interessi tal-assikurati taghha ossija s-sewwieq tal-vettura LAK 261 u membri tal-familja tieghu li kienu rekbin fil-karrozza fil-hin tal-incident. Mill-provi jirrizulta biss li kemm is-sewwieq u l-membri tal-familja tieghu sofrew griehi hfief fl-incident.   F’kull kaz m’hemm ebda prova tal-entita’ tal-griehi jew xi danni materjali li huma nkorrew minhabba l-griehi sofferti. Ghaldaqstant m’hemm xejn x’jigi likwidat in linja ta’ danni.

Ghaldaqstant taqta’ u tiddeciedi billi ssib  il-konvenut unikament responsabbli. Konsegwentement tikkundannah li jhallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ erbat elef hames mija u sitta u tletin (4536) euro,  bl-imghax dekoribbli mil-lum sal-effettiv pagament.

Ghal dawk li huma spejjez tal-kawza tiddeciedi li ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut hlief ghall-ispejjez tal-intervenut fil-kawza li ghandu jbati l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------